MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 27/2002

Avviz numru 27/2002

Baron Group Limited

-vs-

Joseph Portelli

Il-Qorti;

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elf tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm1826.77) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut ghal xoghol ta' finishings ta' appartamenti fi Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex, maghmula mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' Ottubru 2001 u 14 ta' Novembru 2002 u ta' l-Ipoteka Legali Specjali iskritta fl-10 ta' Lulju 2002 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi mid-data tat-tlestija tax-xoghlijiet cioe' fit-13 ta' Jannar 2001 sad-data tal-hlas relattiv.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut bl-avviz ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l-konvenut naqas li jikkontesta t-talba u naqas li jidher ghas-seduta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jiddikjara li l-ammont pretiz ghadu dovut fl-intier tieghu.

Billi jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, tilqa' l-istess u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm1826.77) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut ghal xoghol ta' finishings ta' appartamenti fi Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' Ottubru 2001 u 14 ta' Novembru 2002 u ta' l-ipoteka leglai specjali iskritta fl-10 ta' Lulju 2002 u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Jannar 2001 sad-data tal-hlas relattiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------